MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 1167/2003

**Michael Borg**

**vs**

**Untours Insurance Agents Ltd bhala rapprezentanti lokali ta' Qatar Insurance Company bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Paul Mizzi**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 4 ta' Novembru 2003 fejn esponiet: -

Illi fil-15 ta' Dicembru 1999 l-esponent kien qieghed isuq il-mutur tieghu numru RUN-660 f'St Joseph High Road, Blata l-Bajda mid-direzzjoni tal-Belt lejn il-Hamrun meta safa milqut minn vettura tal-marka Hyundai Pony bin-numru IAA-669 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta`

konvenuta Paul Mizzi meta din wara li kienet ipparkjata fuq in-naha l-ohra tat-triq thares fid-direzzjoni tal-Belt qabdet u qasmet billi ghamlet *U-turn* biex tmur fid-direzzjoni tal-Hamrun.

Illi f'dan l-incident l-attur sofra danni fil-mutur tieghu kif ukoll fuq il-persuna tieghu tant illi baqa' jsofri minn dizabilita` permanenti fuq il-persuna tieghu ta' 10% skont kif gie ccertifikat minn Dr. Carmel Apap Bologna M.D. FRCS FRCSE.

Illi dan l-incident sehh unikament kawza ta' negligenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-assikurat tas-socjeta` konvenuta Paul Mizzi.

Illi l-kumpanija assikuratrici accetat ir-responsabbilta` u fil-11 ta' Lulju 2001 hallset biss lill-attur is-somma ta' Lm2,241.54 ghall-ispejjez biex jissewwa l-mutur.

Illi l-attur ghadu ma thallasx ghall-kumplament tal-ispejjez li sofra kif ukoll ghad-dizabilita` permanenti li sofra fuq il-persuna tieghu; u

Illi l-attur ghamel kull sforz possibbli biex tinstab soluzzjoni bonarja bhala 'out of court settlement' imma s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti *nonostante* illi giet mitluba diversi drabi biex taghmel dan.

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex ghal ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandiex:

1. Tillikwida d-danni li sofra l-attur rizultat tal-incident tat-traffiku li gara fil-15 ta' Dicembru 1999 f'St Joseph High Road Hamrun, hlief ghal dawk li sofra fil-mutur tieghu, jekk hemm bzonn bl-opera ta' perit jew periti nominandi.

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata.

Bl-imghaxijiet u l-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Novembru 2001 u bl-imghax skont il-ligi, kontra l-

assikurat tas-socjeta` konvenuta li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-16 ta’ Dicembru 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Untours Insurance Agents Ltd. *nomine* datata 10 ta’ Dicembru 2003 (fol 39) fejn esponew illi: -

1. L-irritwalita' u nullita' tac-citazzjoni billi Untours Insurance Agency Ltd. ma tezistix izda tezisti Untours Insurance Agents Ltd. (C 5655).

2. L-irritwalita' u nullita' tac-citazzjoni billi l-kumpanija assikuratrici ghandha *locus standi* bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha, f’dan il-kaz Paul Mizzi.

3. Illi fil-mertu, kif sew qal l-attur, hemm accettezzjoni ta' responsabbilta' *vis-a-vis* l-attur u, kif qal sew ukoll l-attur saru anke hlasijiet, izda hu michud li l-attur sofra debilitazzjoni permanenti tal-grad kif allegat minnu, u dan skont ir-rapport tal-kirurgu orthopaediku Dok F esibit mac-citazzjoni.

4. Illi lill-attur giet offruta s-somma ta' Lm5000 *a saldu oltre* spejjez gudizzjarji u dan ghandu jitqies f’kull ezitu ta' din il-kawza in kwantu ghal spejjez gudizzjarji.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta’ Dicembru 2003 (fol 42) quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Gauci Maistre ghall-attur talab korrezzjoni fl-okkju tal-konvenut fis-sens illi l-kelma “Agency” tigi sostitwita bil-kelma “Agents” u jizdiedu l-kliem “bhala surroga fid-drittijiet tal-assigurat taghha Paul Mizzi”, u dan skont l-ewwel zewg eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta. Fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni u wara li rat l-Artikolu 175(1) Kap 12 il-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat li jsiru l-bidliet mitluba skont kif mehtieg fl-atti tac-

citazzjoni. Ordnat ukoll in-notifika bl-atti kif mibdula lill-parti l-ohra.

Rat il-verbali kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta nkluz dak tas-27 ta' Settembru 2012 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta' Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Paul Gauci Maistre ghall-attur. Dr. Simon Micallef Stafrace msejjah tliet darbiet baqa' ma deherx. Il-Qorti stiednet lill-partijiet sabiex jaghmlu sottomissjonijiet verbali dwar il-kaz. Il-partijiet *tramite* d-difensuri taghhom ghandhom jipprezentaw nota fi zmien ghoxrin (20) jum kongunta jew bil-*visto* reciproku sabiex jgharrfu lill-Qorti jekk hemmx bzonn li ssir din it-trattazzjoni. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Mejju 2013.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Din hija kawza ghad-danni kkagunati lill-attur wara incident stradali. Is-socjeta' assikurattiva accettat ir-responsabbilta' tal-assigurat taghha tal-incident, izda minnkejja trattativi bejn il-kontendenti, ma ntlahaqx ftehim u l-qofol tal-kwistjoni quddiem din il-Qorti hija l-likwidazzjoni tal-ammont dovut lill-attur kwantu ghad-*damnum emergens* u *lucrum cessans.*

L-incident sehh fil-15 ta' Dicembru 1999, meta l-attur, waqt li kien qed isuq mutur bin-numru RUN-660 f'*St. Joseph High Road, Hamrun,* mill-Belt lejn id-direzzjoni tal-Hamrun, safa milqut minn vettura *Hyundai Pony* bin-numru IAA-669, misjuqa minn Paul Vella, l-assikurat tas-socjeta' konvenuta, waqt li kien qed jaghmel *u-turn,* kif

jirrizulta mill-premessi tac-citazzjoni, mid-dikjarazzjoni annessa, u mir-*road accident report* u l-iskizz rilaxxjati mill-Pulizija, esebiti bhala **'DOK A'** *a fol.* 6 sa' 10 tal-process.

Kif jirrizulta mir-rapporti medici esebiti, filwaqt li l-konsulent Carmel Apap Bologna, fir-rapport tieghu esebit bhala **"Dok B"**, *a fol.* 11 tal-process, sab li l-attur soffra grad ta' dizabilita' permanenti ta' 10%,[1] il-konsulent Fredrick Zammit Maempel, fir-rapport tieghu esebit bhala **"Dok. F"** *a fol.* 16 tal-process[2], sab grad ta' dizabilita permanenti ta' 4%. L-attur kien ippropona bhala bazi ghall-transazzjoni grad ta' disabilita' ta' 7%, skont kif ippremetta fic-citazzjoni, filwaqt li s-socjeta` konvenuta eccepiet li kienet offriet is-somma ta' Lm5,000 lill-attur *a saldu*, *oltre* l-ispejjez gudizzjarji. Il-Qorti hawn tippuntwalizza li dak li jigi diskuss fil-kors ta' trattattivi bejn il-partijiet huwa minghajr ebda pregiudizzju, u ghalhekk, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dawn il-proposti reciproci *ai fini* tad-decizjoni odjerna fuq il-mertu.

L-attur esebixxa rapport tal-kirurgu Carmel Apap Bologna, immarkat bhala **"Dok. B"** *a fol.11 tal-process.* Hu kien ezaminah fl-4 ta' Jannar 2001 u sab li kellu dizabbilita' permanenti sal-grad ta' 10% tan-normal. Fir-rapport tieghu hu kkonstata s-segwenti:

*"On examining him on 4th Jan., he still complained of a painful left shoulder which is worse in cold weather especially when trying to lift for a sustained period of time where light objects are concerned....Due to the chronicity of this functional ailment, an MRI of the left shoulder was taken on 25/10/2000...the right hand suffers of a deficient manual grip. The pain is worse on prolonged typing of the keyboard of a computer, on handling tools in DIY tasks at home or in a garage, and on gripping the handlebars of a motorcycle.-There is full fracture union."* Sab ukoll izda, *"life lasting discomfort to some degree or other <u>in this case,</u> is most probable with maximal stretch. As to the*

[1] Rapport datat it-13 ta' Jannar 2001.
[2] Rapport datat il-15 ta' Frar 2002.

*right hand the discomfort should resolve with time, and power grip will improve but comparative residual weakness in the dominant right hand in relation to the sound left hand will always remain.*"

Il-Kirurgu Fredrick Zammit Maempel, fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta, ukoll ezamina lill-attur fit-3 ta' Jannar 2002, u fl-ittra tieghu datata l-15 ta' Frar 2002, esebita bhala **"Dok. F"**, *a fol.16* tal-process, sab grad ta' dizabilita' permanenti ta' 4%.

**Rapport tal-Espert Mediku Mr. Charles Grixti[3]**

Fil-kors tal-proceduri, din il-Qorti, kif diversament presjeduta, innominat lill-Kirurgu, Mr. Charles Grixti, bhala espert mediku li, wara li ezamina lill-attur u r-rizultanzi radjologici relattivi, sab li sofra ksur f'idejh il-leminija u hsara fit-tessuti tal-ispalla x-xellugija kagun tal-incident li kellu.

Fir-rapport tieghu esebit *a fol.* 46 sa 51 tal-process, l-Espert ikkonstata s-segwenti:-

Rigward l-id il-leminija, sab li *"l-id il-leminija rkuprat tajjeb u tista' titqies bhala wahda normali."*

Rigward l-ispalla sab li "*l-ugiegh li ghandu fl-ispalla x-xellugija hija kkagunata minn 'tendinite' hekk kif ikkonfermat l-MRI. Dan issa ha forma kronika ghalkemm jista' jigi ttrattat f'forma ta' ' injections' u anke fizjoterapija. Jekk jistrapazza l-ispalla x-xellugija jista' dejjem jerga' jhoss dan l-ugiegh."*

Hu kkonkluda li l-grad ta' dizabilita' sofferta mill-attur kagun tal-incident in kwistjoni huwa ta' hamsa fil-mija (5%).

Il-Qorti m'ghandha ebda raguni biex ma taqbilx ma' dan ir-rapport, u ghalhekk taghmel taghha l-konstatazzjonijiet u l-konkluzjonijiet hemm dedotti. Jigi rilevat li l-Espert

---

[3] Rapport esebit *a fol.* 46 tal-process.

ezamina lill-attur fil-15 ta' Jannar 2004 u allura kellu l-vantagg li jaghmel l-accertamenti klinici tieghu wara certu trapass ta' zmien.

**Provi ohra**

L-attur permezz ta' nota[4], esebixxa prospett tal-pretensjonijiet tieghu likwidati skont is-segwenti:-

***DAMNUM EMERGENS***

| | |
|---|---|
| Car Hire | Lm698.50 |
| Spejjez Tobba | Lm 30.00 |
| Medicini | Lm 6.85 |
| Zarbun | Lm 25.00 |
| Biker's Jacket | Lm 60.00 |
| Track Suit | Lm 30.00 |
| Crash Helmet | Lm 50.00 |
| Sketch | Lm 3.00 |
| Telf ta' *overtime* | Lm 330.00 |
| | **Lm1233.33** |

Dawn l-ispejjez gew ikkonfermati bil-gurament mill-attur waqt ix-xhieda tieghu moghtija fl-1 ta' Frar 2005.

***LUCRUM CESSANS***

L-attur kellu 21 sena meta sehh l-incident[5] u sostna li ghandu jigi applikat *multiplier* ta' 40 sena. Esebixxa l-P3's tieghu minn fejn jirrizulta s-salarju segwenti:-

**1999** [6] - Lm4340.52
*(*Lm3089.43 basic, Lm776.51 *overtime,* Lm474.30 *allowances* u *bonuses).*

**2000** [7] - Lm4613.22
*(Lm3236.22 basic, Lm1001.464 overtime, Lm375.43 allowances u bonuses).*

---

[4] Esebita *a fol.* 51 tal-process.
[5] *Vide* wkoll ir-*road accident report* **"Dok.A."**
[6] ***'Dok. 'L'*** *a fol.* 24 tal-process
[7] ***'Dok.' J'*** *a fol.* 22 tal-process.

**2001**[8] - Lm5566.038
*(Lm3704.36 basic, Lm1632.78 overtime, Lm228.69 allowances u bonuses).*

**2002**[9] **-** Lm5302.23
*(Lm3946.24 basic, Lm1193.98 overtime, u Lm162 allowances u bonuses).*

**2003**[10] - Lm5520.58
*(Lm4115.23 basic, Lm1185.33 overtime, u Lm220 allowances u bonuses).*

L-ispejjez tal-hsara fil-mutur ammontanti ghal Lm2241.54 gja thallsu izda, skont l-attur, ma thallas xejn bhala kumpens ghad-*depreciation.*

L-attur jghid li fuq kalkolu ta' dhul medju ta' Lm550 fis-sena, il-kumpens misthoqq hu ta':-

**5% x (Lm5,500 X 40) = Lm11,0000.**

Xehed **Horace Spiteri,**[11] quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, proprjetarju ta' *Noah's Garage*, li kkonferma l-ircevuti fiskali[12] rigwardanti s-servizzi li ghamel ghall-attur, u li rcieva il-hlas taghhom mill-attur. Dawn jirrigwardaw kiri ta' karrozza bir-rata ta' Lm5.75 kuljum mill-24/12/1999 sal-29/2/2000, u mill-29/3/2000 sa 18/5/2000, u zewg vjaggi bil-karrozza, fis-16/12/99 u 21/12/99 miz- Zejtun, fejn jirrisjedi l-attur, sa St. Luke's Hospital.

**Emma Meli,** Assistant Principal fis-salarji fl-Isptar San Luqa, xehdet quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta,[13] li l-attur jahdem bhala skrivan fit-taqsima tal-Patologija. Ikkonfermat il-kopji tal-P3's esebiti a *fol 22* sa

---

[8] ***'Dok.' K'*** *a fol.* 23 tal-process
[9] Esebit fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2005, bhala **'Dok.EMB** *a fol.*56 tal-process.
[10] Esebit fis-seduta tal-1 ta' Frar, 2005, bhala **'Dok. EMA'** *a fol. 55* tal-process.
[11] Seduta tal-1 ta' Frar 2005 *a fol.* 58 tal-process.
[12] Esebiti *a fol.* 27 sa' 32 tal-process.
[13] Seduta tal-1 ta' Frar 2005 *a fol.* 60 tal-process.

25 tal-process u esebiet **Dok.** "**EMA**" u "**EMB**" surriferiti, rispettivament ghad-dhul tal-attur ghas-snin 2003 u 2002. Ikkonfermat ukoll il-veracita' tad-**Dok. "O"** rigwardanti l-*overtime* ta' Lm330 ghall-perjodu bejn 16 ta' Dicembru 1999 sa Frar 2000 li tilef l-attur, ikkalkolat bir-rata ta' Lm2.66 fis-siegha.[14] Ikkonfermat ukoll ittra datata l-21 ta' Frar 2000, rigwardanti s-sighat ta' sahra li kien jahdem l-attur qabel ma sehh l-incident,[15] mahruga minn V. Tonna ghad-Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha li jimpjega lill-attur. Skont dan id-dokument, jirrizulta li l-attur kien jahdem sahra regolarment ghal medja ta' 62 siegha fix-xahar, minn Mejju 1999 hlief ghall-perjodu bejn is-16 ta' Dicembru 1999 sa Frar 2000. Din ir-rata baqghet l-istess. L-ammont ta' sahra jiddependi mid-diskrezzjoni tal-kap tad-dipartiment.

**L-attur** xehed[16] li kien ilu jahdem bhala skrivan fid-Dipartiment tal-Patologija, fl-Isptar San Luqa, ghall-ahhar sitt snin u kemm kien ilu hemm, kien l-uniku skrivan f'dik it-taqsima. Kien inghata tahrig partikolari ghal dak id-dipartiment. L-ammont ta' sahra li jahdem bejn wiehed u iehor baqa' l-istess, izda recentement l-arrangament kien li jithallas biss percentwali tax-xoghol li kien jaghmel ta' sahra u l-bqija jittiehed bhala *time off in lieu.*

Rigward il-pretensjoni tieghu ghall-kumpens ghall-ispejjez ta' kiri tal-karrozza, spjega li kera karrozza sal-ahhar ta' Frar 2000 meta mbaghad ghamel arrangament ma' kollegi biex jiehu *lift* ghax-xoghol. Il-kwistjoni jekk il-*mutur* kienx ser jigi *written off* jew le dam fit-tul u kellu jerga' jikri vettura mid-29 ta' Marzu 2000 sat-18 ta' Mejju 2000. X'aktarx f'dan iz-zmien il-mutur kien issewwa' u rega' gie f'idejh.

**In kontro ezami** xehed li normalment is-sighat tax-xoghol tieghu huma mis-7:30a.m. sas-2:30p.m., mit-Tnejn sal-Gimgha, u mis-7:30a.m. sas-1:00p.m. is-Sibt.

---

[14] Certifikat mahrug mill-Isptar San Luqa, datat 29 ta' Jannar, 2001 esebit bhala **'Dok.O'** *a fol.*33 tal-process.
[15] Esebita bhala **'Dok.EMC'** *a fol.* 57 tal-process.
[16] Seduta tal-1 ta' Frar 2005 *a fol.* 64 tal-process.

Seta' imur ix-xoghol bil-karrozza tal-linja izda minhabba l-kondizzjoni li kellu f'spalltu u f'idu kien ibati biex jimmanuvra u jidhol fil-karrozza tal-linja. Kien isuqha hu l-karrozza mikrija.

**Is-socjeta' konvenuta** pprezentat nota dwar il-*quantum* tal-kumpens mitlub mill-attur, esebita *a fol.* 70 tal-process.

Rigward id-*damnum emergens* l-ilment tas-socjeta' konvenuta tirrigwarda biss l-ispiza ghall-kiri tal-vettura fil-valur ta' Lm698.50. *Stante* l-grad ta' dizabbilita' misjuba mill-espert tal-Qorti, qalet li din it-talba hija esagerata.

Dwar il-*lucrum cessans,* tghid li taqbel mar-rata proposta ta' paga fl-ammont ta' Lm5,500 fis-sena, izda mhux mal-*multiplier* ta' 40 sena. *Inoltre* tqis li ghandu jkun hemm *lump sum reduction.* Is-socjeta` konvenuta tissottometti li *multiplier*, li ghandu jirrifletti c-*changes and chances of life*, ghandu jkun ta' 25 sena. Ghalhekk skont il-kalkoli l-ammont dovut hu ta': -

**Lucrum Cessans:**
5% (25XLm5500) = Lm6,875 - 20% - Lm5,500
Damnum Emergens:(Lm1,233.33-Lm698.50) Lm 534.50
**Total**
**Lm6,034.50**

Is-socjeta' konvenuta ssottomettiet li peress li kienet offriet kumpens ta' Lm5,000 u l-grad ta' dizabilita' permanenti misjuba mill-Espert ta' 5% tirravicina dak propost minnha (4%), ghalhekk ghandha ssir konsiderazzjoni appozita *ai fini* tal-ispejjez gudizzjarji.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

L-**Artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jipprovdi li "l-*hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha....hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l*

*quddiem minhabba inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib".*

**Fl-artikolu 1045(2**), insibu li "Is-*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita' mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita' kkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

Illi tali regoli gew supplimentati u nterpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard" -** A.C. dec. fit- 22 ta' Dicembru 1967, li pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** - A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Fil-kaz "**Emmanuel Mizzi -v- Carmel Attard et noe"** - Deciz fit-28 ta' April, 2006 (Appell Civili Numru. 103/1989/2) gie ribadut "*Illi huwa ben risaput li evolviet gurisprudenza kopjuza dwar il-metodu adottabbli fil-likwidazzjoni tal-lukri cessanti istigat mill-kawza '**Butler -vs- Heard'** li tat origini ghal dak li hu maghruf bhala l-'multiplier system' li fiha l-qligh annwali tal-korrut jigi multiplikat bis-snin tal-hajja lavorattiva bazata fuq il-'life expectancy' tieghu mizjud b'ghoxrin fil-mija ghall-inflazzjoni u nieqes ghoxrin fil-mija tar-rizultat totali in vista tal-pagament f'daqqa. Issa, nonostante l-kritika, xi drabi anke harxa, li l-metodu gie assoggettat, din il-Qorti, in linja ta' massima u bl-innovazzjonijiet li gew introdotti fih, taqbel li ghandu jintuza bhala bazi wkoll f'dan il-kaz, bid-differenza li n-numru ta' snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut*. "

Illi hekk per ezempju, ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim,* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma ecceda l-20, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** - App. dec. fis-26 ta' Lulju 1991, is-sitwazzjoni

tbiddlet ghaliex l-istess Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabbilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha idejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghal-likwidazzjoni irreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformement mal-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *"din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tkun marbuta ma' decizzjonijiet li jillimitaw il-life expectancy' sa massimu ta' ghoxrin sena", u* tali principju gie konsistentement segwit u zvilluppat mill-gurisprudenza nostrali tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, in partikolari, u nkluz il-*'changes and chances'* tal-hajja, b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabbilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitrarju u opinjonistiku".*

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi, fosthom **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar *et*"** (P.A. 1 ta' Marzu 1992); **"Duncan Vassallo vs Khalid Schwej"** (P.A. 8 ta' Marzu 1996); **"Robert Barbara vs Saviour Galea"** (P.A. 11 ta' Ottubru 1996); **"Susan Davies vs Anthony Galea** (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); **"Joseph Attard vs Carmelo D'Amato** (P.A. (N.A.) 5 ta' Ottubru 1999); **"George Gatt vs Francis E. Carbone"** (App. Civ. 7 ta' Lulju 1998); **"A. Debono vs Law. Quintano Foodservice Limited" -** P.A. (RCP) 24 ta' Marzu 2000); **"Anthony Turner et vs Francis Agius et"** (G.C.D.17 ta' Frar 1998); **"Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et"** (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998).

Ikkonsidrat ghalhekk li in segwitu ghall-gurisprudenza iktar recenti, il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta'

odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt fis-sentenza **“Anton Debono vs Law. Qunitano Foodservice Limited”** surriferita, gie rilevat li din it-tendenza hija alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta’ *“pain and suffering.”*

Din il-Qorti kif diversament presjeduta, fil-kaz “**Mary Bugeja vs George Agius”** (P.A. (J.H.) 12 ta’ Jannar 1987) sostniet illi *“l-Qrati fil-pronuncjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta’ danni f’kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom, li qatt ma jirrinunzjaw ghall-fakolta` diskrezzjonali taghhom."* Dik il- Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita` ta’ kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta’ probabbilta’. Id-danneggjat jinghata "*somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b’sentenza mhiex aktar soggetta ghall-ebda revizjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista’ jkun mar-realta`”.*

Din fil-fatt ghandha tkun il-mira ta’ kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta’ danni.

*Fil-kaz **"Darren Sammut v Eric Zammit”** (App.Civ. 915/96 dec. fit-3 ta' Dicembru, 2004) gie rienut li "Fis-sistema generalment applikata f’kawzi ghar-rizarciment ta’ danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-‘multiplier’ u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b’mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u t-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti 'in toto'. Izda fir-rigward ta’ telf ta’ qligh li dik il-persuna tbati ‘l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li s-*

*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara. Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara*
*wara s-sentenza ta' '**Buttler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal telf futur – dawk li fil-gergo huma maghrufa bhala 'lucrum cessans' - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."*

Dan ghaliex, kif gie ritenut fil-kawza **"Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine"** (G.M.B.) inghad illi *"L-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga' tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel … … Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-vittma tal-att illegali u ingust ta' haddiehor m'huwix possibbli, ma tassikurax kemm tista' jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta' sakemm hija prevedibbli a bazi ta' statistika u nduzzjoni".*[17]

Illi jidher car li, a bazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-attitudini wiesgha mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex

[17]Hekk ukoll l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-5 ta' Frar,1980 fl-ismijiet **"Vincenza Vella Dalmas vs John Ghigo et"** qalet illi: *"B'telf ta' qligh wiehed ma ghandux jifhem biss telf ta' salarju jew hlas iehor li huwa jircievi izda ghandu jinkludi l-ispejjez kollha li minhabba fl-infortunju l-persuna jkollha taghmel ghaliex hija se jkollha titlef dawn il-flus minhabba f'dan l-infortunju".*

assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi *inoltre,* fil-kawza fl-ismijiet **“Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace”** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta’ Marzu 1986 intqal illi: *“In-numru ta’ snin adottat bhala multiplier m’ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni 'ic-chances and changes' tal-hajja”.*

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet **“Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon”** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Mejju 1984 intqal illi: *“il-perjodu tal-multiplier ghandu dejjem jigi kunsidrat li jibda jiddekorri mid-data tal-incident. Id-danni necessarjament jigu likwidati wara l-incident, u xi drabi ftit wara l-incident u xi drabi ohra, stante proceduri legali li fin-natura taghhom jinvolvu t-trapass taz-zmien, xi ftit snin wara l-incident u eccezzjonalment bosta snin wara. Il-fatt li jkun ghadda z-zmien sakemm jigu likwidati d-danni m’ghandux jaffettwa l-metodu ta’ likwidazzjoni li ghandu dejjem jibqa’ l-istess billi l-perjodu tal-multiplier dejjem jibda jiddekorri mid-data tal-incident. Altrimenti l-likwidazzjoni bil-multiplier ma jsirx b’mod uniformi...”.* Ara ukoll "**Emmanuel Mizzi -v- Carmel Attard et noe"** - Deciza. fit-28 ta' April 2006 (Appell Civili Numru. 103/1989/2),

Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet “**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe.”** (P.A. J.S.P.) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta’ Ottubru 1995, intqal:

*“Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-‘lump sum payment' il-Qorti, ............ jidhrilha li ... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-‘lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data”.*

Kriterju elucidat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta
fil-kaz **"Jos Agius v All Services Ltd"** (P.A. (TM) 1809/01 deciz fit-2 ta' Gunju 2005) "*F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza*."

Dwar l-ammont tal-introjtu, l-istess Qorti tal-Appell fil-kaz **Darren Sammut v. Eric Zammit** fuq citat, ikkonsidrat l-introjtu reali tad-danneggjat fil-kalkolu tal-kumpens ghas-snin fejn gie stabbilit id-dhul attwali tieghu*: "Dan kien l-introjtu effettiv tal-attur. Hawn ghalhekk mhux si tratta ta' kalkolu fittizzju progettat fil-futur, izda certezza u konsegwentement ...... bla pregudizzju ghal 'lucrum cessans' futur"* l-attur kellu jigi kompensat bir-rata ta' disabbilita' permanenti misjuba, ikkalkolata fuq l-introjtu attwali tieghu fis-snin pendenti l-proceduri.

Rigward il-paga, hija l-paga *gross* li tinhadem bhala bazi tal-kalkolu tad-danni. Kif gie spjegat mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Emanuel Bartolo u Glenn Bartolo vs Karl Vella Petroni (**Dec. fit-3 ta' Frar, 2012) "*hi l-gross salary li hija rilevanti sabiex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni kemm hu dovut lill-appellant. Illi kif intqal mill-Qrati taghna*. *L-Income Tax li seta` hallas id-decujus, ossia d-danneggjat, hija affari ta' bejnu u bejn il-Gvern li fiha l-obbligat ma jidholx*" –**"Muscat v. Schembri**" (deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 1972).

Fil-kawza "**Micallef v. Cassar"** (deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Mejju 1982), intqal li "*Il-kontribuzzjonijiet li seta` ghamel id-danneggjat ghan-National Insurance, m'ghandhomx jitnaqqsu mill-paga tieghu."* Hekk ukoll din il-Qorti fil-kawza "**Caruana vs Farrugia"**, (deciza fit-23 ta' Novembru 1983), kienet qalet li "*m'ghandu jsir ebda deduzzjoni ta' PAYE jew ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Nazzjonali mill-ammont tad-*

*danni likwidat favur il-parti leza.*" Ikkonsidrat ukoll li "*huwa risaput li minn zmien ghal zmien il-pagi joghlew u dan bhala rizultat tal-inflazzjoni li teffettwa l-purchasing power ta' dak li jkun. Illi kif gie deciz minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza* **Galea vs Fenech** *deciza fis-16 ta' Marzu 2004; "Meta d-danni jirraprezentaw kumpens ghal telf futur, il-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu percepit fid-data tal-incident progettat fuq il-firxa tas-snin maghzula bhala "multiplier".*

**Applikati dawn il-principji** ghall-fatti in ezami, din il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

L-ewwel li jrid jigi determinat il-persentagg ta' dizabbilita` li sofra l-attur. Hawnhekk il-Qorti taghmel taghha l-konkluzjoni tal-*consultant orthopaedic surgeon,* Mr. Charles Grixti, li kkonkluda li dan ghandu jitqies bhala 5%.

**Damnum Emergens**

L-uniku divergenza tirrigwarda l-ispiza ghall-kiri ta' vettura mill-attur. Il-Qorti mhiex konvinta mill-ispjegazzjoni li ta l-attur li ma setax juza s-servizz tal-karrozzi tal-linja peress li kien ibati. Jekk seta' jsuq hu l-vettura mikrija, zgur seta' jitla' fuq il-karrozza tal-linja. Madanakollu t-talba ghar-rifuzjoni tal-ispejjez inkorsi minnu ghall-gimghat immedjatament wara l-incident hija misthoqqa. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tilqa' it-talba ghall-kumpens ghall-ispiza ta' kiri tal-karrozza, limitatament ghall-perjodu bejn is-16 ta' Dicembru 1999 sa Frar 2000 meta l-attur kien ghadu b'idejh bil-*K-wires,* u kien qed imur ghall-fizjoterapija (ara ittra tal-kirurgu Mr. Fredrick Zammit Maempel, *a fol.*16 tal-process). Dan il-perjodu wkoll jikkorrispondi ghaz-zmien li ma hadmix sahra skont kif jirrizulta mill-ittra **"Dok. EMC"** *a fol*. 57 tal-process.

Ghal dan ir-raguni, il-Qorti tillikwida dan il-kap tad-danni fl-ammont ta' Lm940.08 *cioe`* **€2,189.80.**

***Lucrum Cessans***

Illi jirrizulta li l-attur kellu 21 sena meta sehh l-incident u, specjalment tenut kont ir-realtajiet ekonomici u finanzjarji tal-hajja moderna,u t-tendenza, anke f'*policies* governattivi, li l-hajja lavorattiva tal-bniedem titwal, il-Qorti tqies li l-ammont propost mis-socjeta' konvenuta huwa qasir wisq. Madanakollu, u tenut kont ukoll ta' '*chances and changes of life',* ser tapplika *multiplier* ta' 35 sena.

Rigward tnaqqis ghal-*lump sum payment,* din il-Qorti kkonsidrat li x-xoghol tal-attur hu ta' *clerk* f'Dipartiment tal-Gvern, fejn ghandu bzonn l-uzu ta' idejh specjalment ghat-*typing* u xoghol fuq *computer.* L-Espert sab li filwaqt li l-id il-leminija tirrizulta normali, anzi seta' jaghmel ponn li kien b'sahhtu, izda "jekk jistrapazza l-ispalla x-xellugija kellu ftit ugiegh, u jista' dejjem jerga' ihoss l-ugiegh."

*Inoltre,* din il-kawza giet intavolata fl-4 ta' Novembru 2003 u ghalhekk ghaddew kwazi 10 snin. Fic-cirkostanzi tal-kaz, thoss li m'ghandux ikun hemm tnaqqis ta' *lump sum payment*.

Riferibbilment ghall-paga li fuqu ghandu jigi kkalkolat l-ammont tad-danni, il-partijiet qablu fuq dhul annwu ta' Lm5,500 u l-Qorti ser taddotta dan l-ammont fil-kalkoli taghha.

*Inoltre,* din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha taghmel id-distinzjoni applikata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fuq citata fl-ismijiet **"Darren Sammut v Eric Zammit"** il-Qorti kkonsidrat id-dhul li d-danneggjat kien realment thallas bhala paga, u bla pregiudizzju ghal-*lucrum cessans* ipproggettat fil-futur, uzat dan id-dhul bhala bazi tal-komputazzjoni taghha ghas-snin hemm indikati. Ghalhekk jirrizulta fil-kaz odjern li l-attur kellu paga *gross* ta':-

| | |
|---|---|
| **1999** | Lm 4,340.52 |
| **2000** | Lm 4,613.22 |
| **2001** | Lm 5,566.03 |
| **2002** | Lm 5,302.23 |
| **2003** | Lm 5,520.58 |
| | Lm25,342.58 |

L-attur ghandu jigi kkompensat bir-rata ta' 5% tal-introjtu kollu ghall-perjodu in kwistjoni ta' hames snin, li jammonta ghal Lm1,267.13 *cioe`* **€2,951.62.** Ghar-rigward tar-rimanenti 30 sena tenut kont tal-paga fl-ammont ta’ Lm5,500 fis-sena d-danni li ghandu jiehu l-attur jammontaw ghall: Lm5,500 X 30 X 5% = Lm8,250 *cioe* €19,217.33+€2951.62 (ghas-snin 1999-2003)=€22168.95.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti ser tordna li d-danni li ghandhom jithallsu lill-attur jammontaw ghas-segwenti:

| | |
|---|---|
| Damnum Emergens | €2,189.80 |
| Lucrum Cessans | €22,168.95 |
| | **€24,358.75** |

Tenut kont l-ammont hekk likwidat, u c-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti ma thossx li ghandu ikun hemm temperament fir-rigward tal-ispejjez gudizzjarji li ghandhom jinkombu fuq is-socjeta' konvenuta.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, **tilqa'** it-talbiet tal-attur billi: -

**1.** Tillikwida d-danni minnu sofferti b'rizultat tal-incident stradali mertu ta' din il-kawza fl-ammont ta' **€24,358.75,** u

**2.** Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' €24,358.75 bl-imghax millum.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------